MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1539/1996/1

**Saviour CUTAJAR u Pauline Cutajar**

**vs**

**AĠENT REĠISTRATUR TAL-QORTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Mejju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-imħarrek jiġi dikjarat responsabbli tal-għibien ta' oġġetti mqegħda taħt il-kustodja tiegħu fil-Qorti, u li jiġi likwidat il-valur tal-imsemmija oġġetti u mgħoddi l-ħlas lill-atturi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-10 ta' Marzu, 1997, li biha ċaħad li huwa responsabbli billi qal li l-oġġetti li kienu depożitati miegħu għebu minn taħt idejh b'forza maġġuri billi nsterqu;

Rat id-degrieti tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Novembru, 1997[1] u tal-4 ta' Diċembru, 1998[2] li bihom il-kawża tħalliet *sine die*;

Rat id-degriet tat-12 ta' Mejju, 1999[3], li bih l-Avukat Maria Dolores Gauċi nħatret bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' u tiġbor il-provi dwar il-każ;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Ġunju, 2002[4], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-23 ta' Mejju, 2002, ħatret lil Alfred P. Camenżuli bħala espert tekniku biex jagħti stima tal-oġġetti li nsterqu;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku Alfred Camenżuli fis-26 ta' Novembru, 2002[5], u minnu maħlufa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju dak inhar stess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2004, tal-25 ta' Novembru, 2004, u tas-17 ta' Marzu, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' u ħlas ta' valur ta' oġġetti li kienu depożitati iżda nstabu nieqsa meta l-atturi riedu jirtirawhom;

---

[1] Paġ. 19 tal-process
[2] Paġ. 26 tal-process
[3] Paġ. 30 tal-process
[4] Paġ. 89 tal-process
[5] Paġġ. 99 sa 101 tal-process

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li ma jaħti xejn għal dak li ġara għaliex, minkejja li uża l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja għall-ħarsien tal-oġġetti mqegħdin taħt il-kustodja tiegħu, dawn għabu b'forza maġġuri f'serqa li ma setax jevita;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi kienu kredituri ta' wieħed David Rendall (l-isem sewwa huwa "Rundle"). Dan kien jikri appartament tal-atturi f'Tas-Sliema. Rendall miet fi jew qrib it-28 ta' Jannar tal-1993, f'cirkostanzi traġiċi bla ma laħaq ħallas kontijiet tas-servizz tat-telefon tal-istess appartament. Mal-mewt ta' Rendall infetħet inkjesta Maġisterjali u xi oġġetti personali tiegħu tneħħew mill-appartament u tqegħdu b'depożitu taħt is-setgħa tal-Qorti fit-30 ta' Marzu, 1993[6]. L-oġġetti nsterqu mill-i*strong room* tal-Qorti fit-18 jew id-19 ta' Settembru, 1993[7]. Biex seħħ dan irriżulta li l-bieb tal-i*strong room* tqatta' bi fjamma tal-aċetilena;

Illi l-atturi sabu ma' wiċċhom kontijiet mhux imħallsin li jammontaw għal Lm 1800. Billi Rendall ma ħalliex werrieta magħrufa f'Malta, l-atturi talbu lill-Qorti tawtorizzahom jieħdu f'idejhom xi oġġetti li kien hemm fil-post bi ħlas għall-kreditu dovut lilhom u dan għall-finijiet tal-artikolu 445 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-talba ntlaqgħet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru, 1993[8]. Fi Frar tal-1995, l-attur ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja biex jitħalla jirtira l-oġġetti msemmija minn taħt l-awtorita' tal-Qorti. Dik il-Qorti laqgħet it-talba fl-24 ta' Frar, 1995[9]. Il-kawża nfetħet fl-10 ta' Mejju, 1996;

Illi jirriżulta li, meta l-Qorti tal-Maġistrati kienet laqgħet it-talba tal-attur u awtorizzatu biex jirtira l-oġġetti, dawn kienu diġa' ilhom 'il fuq minn sena w nofs misruqin. Is-serqa seħħet tassew u kienet ukoll infetħet inkjesta Maġisterjali dwarha, li mhux magħruf jekk sallum

[6] Dok "FG", f'paġ. 53 tal-process
[7] Xhieda ta' Frank Galea 28.7.2000, f'paġ. 55 tal-process
[8] Dokti "A" u "JR", f'paġġ. 5 u 40 tal-process (Degriet 1182/93)
[9] Dok "B", f'paġ. 6 tal-process

ingħalqitx[10], għalkemm jidher li kienet inbdiet kumpilazzjoni kontra persuna identifikata[11];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru dan il-każ jirreferu għad-depożitu u r-responsabbilta' tad-depożitant. F'dan il-każ, id-depożitu ma sarx mill-atturi, imma bis-saħħa ta' proċedura fi ħdan ta' atti ta' inkjesta Maġisterjali. Il-liġi tagħraf bejn għamliet differenti ta' depożitu, li jista' jkun wieħed hekk proprjament imsejjaħ jew jista' jkun sekwestru konvenzjonali. Tal-ewwel, imbagħad, jista' jkun jew depożitu volontarju jew inkella depożitu neċessarju[12]. F'kull każ, il-kuntratt tad-depożitu jinvolvi t-tqegħid ta' ħaġa f'idejn ħaddieħor, bl-obbligu ta' dan li jħarisha u li jroddha lura *in natura* meta jintalab li jagħmel dan[13]. Jidher li, fiċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-każ preżenti, id-depożitu li sar f'idejn ir-Reġistratur imħarrek kien jixbah aktar lis-sekwestru konvenzjonali[14] li, madankollu, dwaru jgħoddu l-istess regoli u dixxiplina legali li jħarsu d-depożitu volontarju[15];

Illi l-liġi trid li dak li għandu titqiegħed ħaġa b'depożitu jieħu ħsiebha bħalma jieħu ħsieb ħwejġu stess[16]. Iżda hu ma jweġibx għall-aċċidenti li jseħħu b'forza maġġuri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-ħaġa lil min ikun talabhielu lura[17]. Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depożitu huwa li d-depożitarju għandu jrodd lura l-istess ħaġa mħollija f'idejh fil-qagħda li tkun fiż-żmien meta tintradd u kull tgħarriq li ġġarab bla ħtija tiegħu jbatiha d-depożitant[18]. Ir-radd lura jrid isir jew lil min wettaq id-depożitu, jew lill-persuna li f'isimha jkun sar id-depożitu, jew lill-persuna maħtura biex tirċievi l-ħaġa[19];

Illi jitqies li ħaġa depożitata tkun intilfet b'forza maġġuri jekk kemm-il darba jintwera li d-depożitarju jkun ħa l-passi kollha meħtieġa u raġonevoli biex il-ħaġa depożitata tkun

[10] Xhieda ta' Lawrence Spiteri Bailey 29.1.2001, u Dok "PB1", f'paġġ. 59 u 75 tal-process
[11] Xhieda ta' Paul Bonnici 25.7.2001, f'paġ. 77 tal-process
[12] Art. 1895 tal-Kap 16
[13] Art. 1891 tal-Kap 16
[14] Art. 1922 tal-Kap 16
[15] Art. 1924 tal-Kap 16
[16] Art. 1899 tal-Kap 16
[17] Art. 1901 tal-Kap 16
[18] Art. 1904 tal-Kap 16
[19] Art.1908 tal-Kap 16

tqegħdet fiż-żgur[20]. Is-serq huwa waħda mill-ġrajjiet li jistgħu jitqiesu bħala forza maġġuri għad-depożitarju[21]. Iżda fejn id-depożitarju jressaq il-fatt tal-forza maġġuri bħala difiża għat-talba biex irodd lura l-ħaġa depożitata, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova kif imiss dan il-fatt[22]. Normalment, id-depożitarju jeħtieġlu jipprova biss li, bit-telfien tal-ħaġa depożitata, ġarrab danni: sakemm ma jkunx intwera li kien traskurat fl-għażla tal-persuna tad-depożitarju bħala persuna li tkun magħrufa bħala waħda traskurata fiż-żamma ta' ħwejjiġha, f'liema każ id-depożitant jitqies responsabbli minn għażla bħal dik[23] . Bid-difiża tal-forza maġġuri wieħed ikun irid juri mhux biss li l-ġrajja kienet waħda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet waħda li ma setgħetx tiġi evitata[24];

Illi meta wieħed iqis il-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm issemmew u jqabbilhom mal-fatti li jsawru l-każ preżenti, l-Qorti ssib li l-oġġetti kienu tqegħdu f'ambjent tal-bini tal-Qorti maħsub apposta għaż-żamma ta' ħwejjeġ mobbli li jkunu jagħmlu parti minn esebiti proċedurali. Il-Qorti tqis ukoll, mill-ftit provi mressqa, li ż-żamma ta' dawk l-oġġetti fil-post magħżul kienet waħda imposta b'obbligu proċedurali u legali. Inġiebet prova wkoll (li l-attur bl-ebda mod ma ikkontesta) li l-ambjent kien jinqafel u access għalih kien limitat għall-uffiċjali determinati. Intwera li s-serq sar billi ntuża metodu ta' sgass vjolenti u mhux minħabba li ċ-ċavetta tħalliet tiġri fl-idejn b'mod traskurat. Jirriżulta wkoll li l-jum li fih seħħet is-serqa kien tmiem il-ġimgħa, jiġifieri meta l-bini tal-Qorti, għalkemm suppost mgħasses, ikun magħluq għall-aċċess pubbliku;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-fatti li rriżultaw, iżda, fit-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tagħhom illimita ruħu biex jorbot ir-responsabbilta' tal-imħarrek mal-fatt waħdu li l-oġġetti ntilfu meta kienu taħt idejh. Dan, kif intwera, m'huwiex biżżejjed biex ixejjen id-difiża tat-telfien b'forza

---

[20] Kumm. **29.6.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Nut. Joseph Vella Galea vs Anġlu Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
[21] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri noe et vs Saviour Żahra***
[22] App. Civ. **20.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.440**)
[23] App. Civ. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sapiano vs Fenech et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.149**)
[24] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Camilleri vs Dipartiment tal-Agrikoltura***

maġġuri mressqa mill-imħarrek u li l-Qorti ssib li ġiet ippruvata kif imiss;

Illi, fuq kollox, m'huwiex element traskurabbli għal din il-Qorti l-fatt li l-atturi ma kinux huma li iddepożitaw il-ħwejjeġ in kwestjoni personalment mal-imħarrek. Il-jedd jew rabta tagħhom mal-imsemmija ħwejjeġ tnisslet biss u meta ngħataw il-provvedimenti tal-Qrati kompetenti fuq talba tal-istess atturi jew min minnhom. Meta dik il-Qorti ntalbet tawtorizza l-irtirar tal-oġġetti minn taħt l-awtorita' tagħha, l-oġġetti kienu diġa' nsterqu. Għalhekk, id-degrieti li awtorizzaw it-teħid tal-oġġetti kienu neqsin minn attwalita' effettiva li ġabithom mingħajr effikaċja;

Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex issib li l-imħarrek wera li d-depożitu ma jistax jintradd lura minħabba ġrajja li tikkostitwixxi forza maġġuri, u, fuq kollox, minħabba difett fil-jedd tal-atturi li jitolbu d-danni talli l-istess oġġetti ma kinux għadhom fil-pussess tal-imħarrek fil-waqt li kienu ttieħdu mill-atturi l-proċeduri relativi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrek;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------